# IL-GUDJA




Kemm hu antik dan ir-raħal li hu mbiegħed mill-Belt 4 mili, tixhdu l-knisja parrokkjali ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ li twaqqfet f'parroċċa fl-1436 mill-Isqof De Mello.

L-istil rurali ta' bosta mill-bini ta' dan ir-raħal għandu jżomm it-tradizzjoni qadima tiegħu għaliex huwa kien mill-ewlenin irħula ta' Malta.

Minbarra dan il-bini, hemm ukoll għadd ta' djar qodma li jafu jdommu waħda wara l-oħra l-ġrajjiet sbieħ ta' dan ir-raħal storiku.

Aħna għidna li bħala xhieda tal-qedem ta' dan ir-raħal, hemm il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ. Iflu sew il-kostruzzjoni tagħha u taraw li din il-kwalità ta' bini ilha li nqatgħet is-snin il-kbar. Is-saqaf li hu ċatt qiegħed miżmum minn ħnejjiet ħerġin mill-ħajt. Fit-tard tas-seklu XVI, tkabbret ftit aktar lejn il-lvnt, iżda twaqqa' wara meta nbniet il-parroċċa l-ġdida.

Mal-Gudja nsibu lil Ħal Farruġ, raħal ċkejken li għalkemm meta l-Gudja kienet fl-aqwa tagħha, ma kienx fih aktar minn għaxart idjar li aktarx kienu rziezet. Dan ir-raħal għandna nisimgħuh jissemma f'bosta ġrajjiet qodma, għax għalkemm żgħir, milli jidher kien imfittex sewwa fil-qedem. Ħal Qadi u Ħal Saptan jagħmlu wkoll ma' dan ir-raħal.

**Popolazzjoni**

Meta l-Gudja saret parroċċa f l-1436, huwa kellu ġurisdizzjoni fuq ħamest irħula li wara, wieħed wara l-ieħor ilkoll saru parroċċi u wara saru anke matriċi ta' parroċċi oħra. Dan jaqbel il-motto tiegħu meta jgħid:- **"Pluribus Parens"** (Omm Wisq Ulied).

Fil-bidu l-Gudja kienet taħkem fuq popolazzjoni ta' madwar 1,840 ruħ meta tqis li magħha kellha lil Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Luqa.

Iżda fl-1592 meta dawn infirdu minnha minbarra Ħal Luqa li ħalla fl-1634, il-popolazzjoni naqset bil-bosta għaliex kulħadd ħa dak li hu tiegħu, u hekk il-Gudja sab li kellu 80 dar biss. Kienet qabża kbira biex minn dik il-popolazzjoni kollha ssib li ħadulek l-akbar sehem, imma dak li mhux tiegħek ma tistax tibqa' żżommu għal dejjem u xi darba trid terħih minn idejk.

Fl-1667 kellu 87 dar b'popolazzjoni ta' 357 ruħ. Wara 93 sena ta' progress laħaq l-għadd ta' 587 ruħ u kienu joqogħdu ġo fih 142 dar. Fl-1830 kien hemm 195 dar u mgħammra b'978 ruħ; fl-1865 kellu 932 ruħ, iżda fl-1890 insibu li kien jagħmel 240 dar u 1,160 ruħ.

Fl-1901 kellu 1,133 ruħ; 1911 kelllu 1,270 ruħ; 1921 kellu 1,167 ruħ.

Fl-1961 sibna li 1,811-il ruħ joqogħdu f'dan ir-raħal.

L-arma tiegħu hi faxxa ħamra dentata orizzontali fuq kamp fidda.

**Kif beda ismu**

Hemm bosta tifsiriet dwar isem dan ir-raħal u tista' tgħid ilkoll ma jaqblux wieħed ma l-ieħor. Kollha għandhom ragunijiet għalihom u meta taqrahom tasal biex taqbel magħhom ilkoll u tgħid bħalhom.

Skond x'uħud, Gudja fil-Għarbi tfisser **għolja** jew **lok eminenti**. Jekk aħna neħduha letteralment, il-Gudja mhux fil-baxx, imma jekk aħna nħarsu lejha minn angolu differenti nsibu li tista' tfisser illi hu jgawdi l-ħakma fuq bosta rħula oħra. Min jaħkem ikun ogħla minn ħaddieħor.

Hawn min jgħid li l-ewwel isem li kellu l-Gudja ma kienx dan. Bosta kittieba antiki jsejħulu bħala "r-raħal ta' Bir Miftuħ". U sakemm b'dan l-isem minn dejjem tissejjaħ il-knisja l-qadima tiegħu ta' Santa Marija, għandna nifhmu li ġie msemmi hekk għaliha. Il-kelma ta' "Bir Miftuħ" hija ġejja minn bir li hemm ħdejn din il-knisja.

Fl-aħħarnett hawn min isemmi li San Pawl għadda wkoll minn din in-naħa u waqaf jippriedka fuq il-lok sewwa, fejn qal li "Marija Santissima, hi bir miftuħ tal-grazzji għal kulħadd".

**Santa Marija**
**Knisja Matriċi Parrokkjali**

Il-knisja ta' Santa Marija ta' Bir Miftuħ saret parroċċa fl-1436 mill-Isqof De Mello, u hi t-tielet waħda fsot il-matriċi.

Mal-knisja l-qadima ta' Bir Miftuħ kienu jagħmlu dawk il-parroċċi kollha li diġà tajna l-lista tagħhom, iżda dawn waħda wara l-oħra twaqqfu ndipendenti u hekk infirdu minnha.

Maż-żmien din il-knisja matriċi reġgħet ġiet mibnija mill-ġdid fl-1512 bil-ħidma tal-kappillan tagħha Dun Gonzalvo Cansciur, qrib il-ħames knejjes filjali, li huma ta' Santa Marija, tat-Twelid tal-Madonna, ta' San Ġorġ, ta' Santa Katerina u ta' San Bastjan.

Mill-Vista li għamel Mons. Dusina fl-1575, jidher li fil-qedem dik il-matriċi kienu jgħamlu magħha bosta knejjes filjali - 5 Birmiftuħ, 9 fil-Gudja, 5 f'Ħal Kirkop, 8 fl-Imqabba, 4 f'Ħal Safi, 2 f'Ħal Farruġ u 11 f'diversi limiti ta' dawk l-inħawi.

Fl-1656, b'ħidma tal-Kappillan Dun Ġwann Gatt, il-knisja parrokkjali ġiet imtella' mill-ġdid fil-misraħ tal-Gudja, fuq id-disinn ta' Masu Dingli, u x-xogħol

*ikompli f'paġna 71*

intemm fl-1666. Fl-1858 bdew ix-xogħol ta' kampnar ġdid minflok ieħor qadim li wara ġie mwaqqa'.

Din hi knisja sabiħa mibnija fi tliet taqsimiet. Għandha għamla kwadra u tilħaq l-għoli ta' 102 piedi. Fl-ewwel taqsima nsibu l-arloġġ b'makna eżatta maħdum minn Mikelanġ Sapiano ta' Ħal Luqa u sar bi flus ir-Rev. Dun Mattew Castagna fl-1858. Il-kolonni tat-taqsima tan-nofs li fuqhom hemm il-qniepen, huma ta' Ordni **Truskan**. Il-parti ta' fuq hija ta' ordni **Joniku**, u għandha għamla ta' tempju tond. Fuq nett tispiċċa b'xifer u fil-quċċata hemm żewġ anġoletti jżommu salib. Dan hu monument sabiħ u sar mill-ġbir tal-poplu ta' dak ir-raħal. Id-disinn sar b'xejn mis-Sur Guljermu Baker u x-xogħol sar taħt il-ħarsien ta' Mastru Rużar Formosa.

Fil-kampnar il-ġdid li sar tqiegħdu 4 qniepen - dawn saru f'Londra mill-imsemmija fabbrika ta' John Warner & Sons, li ħaseb għalihom Dun P. Formosa. Il-qanpiena l-maġġura ġiet konsagrata mill-Isqof Pace Forno fil-5 ta' Settembru 1861, u t-tlieta l-oħra kienu ġa konsagrati mill-istess Isqof fit-18 ta' Marzu 1861. Dawn il-qniepen swew £497. Il-prima, it-terza u l-kwarta saru mill-bejgħ ta' tlieta oħra qodma u mill-ġbir; it-tieni saret bi flus is-Sur Guljermu Castagna li kien joqgħod f'Lisbona (Spanja) u siwet £100.

Din il-knisja parrokkjali ġiet konsagrata bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Ġużepp Rafel Camilleri fil-11 ta' Diċembru 1785 mill-Isqof Labini.

Il-knisja hi magħmula minn kor, żewġ kappelluni u sitt kappelli żgħar, tlieta f'kull ġenb. Għandha kobor mhux ħażin u għandha 10 artali. Fiha hemm meqjum il-ġisem imqaddes ta' San Sinforjanu martri, merfugħ minn żmien l-Ordni fil-knisja Konventwali ta' San Ġwann. Fid-9 ta' Settembru 1789 ġie mqiegħed hawn wara li kien għadda għal idejn il-Kavallier Fra Ugolino Cumbi Tal-Veneranda Lingwa ta' l-Italja, mogħti lilu bil-permess tal-Gran Mastru De Rohan, minn Monsinjur Menville Gran Prijur ta' l-Ordni. Il-Kavallier Cumbi taħ lill-ħabib tiegħu, u dan fl-1815 ippreżentah lil din il-knisja matriċi. Huwa jinsab imgeżwer fi ħwejjeġ għonja, bi flus il-Markiża Elizabetta Muscat Cassia Dorell u minn uliedha. Huwa ttieħed hemm fl-1825 mill-villa ta' din il-Markiża għall-matriċi mill-kleru ta' sitt parroċċi oħra.

Hawn insibu xogħlijiet sbieħ u artistiċi ta' min jarahom. L-istatwa ta' Santa Marija hija xogħol Ċensu Dimech, maħduma fl-1807 bi flus il-qassis Dun Masu Zammit mill-Gudja. L-14-il stazzjon tal-Via Sagra huma xogħol Toni Zammit u sar mill-ġbir fl-1858. Il-kwadru tar-Rużarju jixraqlu mertu artistiku. L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju hi xogħol Toni Kirkop u saret fl-1851. Il-kwadru titulari sar mill-pittur Cagliardi f'Ruma fl-1880.

Din il-knisja sas-sena 1892 kienet kważi abbandunata u minsija għal kollox, iżda wara t-tħabrik tad-devoti nżammet wisq tajjeb.

Il-faċċata tagħha bniha mill-ġdid l-imgħallem Anġlu Dalli fuq pjanta ta' dilettant Gudjan. Il-fontispizju hu mibni minn Mastru Pietru Va ssallo minn Ħal Luqa, iżda l-kampnar sar minn Anġlu Dalli.


DALLAS
GIFT SHOP

*Importers of Chadeliers, Furniture and Ceramics*

**QORMI ROAD, HAMRUN HMR 11**
**Tel: 231133**
**Mobile: (099 2644)**
**Fax: 245590**